MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2006

Citazzjoni Numru. 54/2006

**A**
**-vs-**

**B.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fil-21 ta' Frar, 2006 li permezz tiegħu A espona bir-rispett:

1. Illi hu żżewweġ lill-intimata fit-22 ta' Ottubru, 1996 u minn dan iż-żwieġ ma kienx hemm tfal;

2. Illi ftit wara ż-żwieġ l-intimata telqet minn Malta u abbandunat iż-żwieġ u dan mingħajr ebda pre-avviż;

3. Illi jidher ċar illi l-intimata qatt ma kellha ħsieb sabiex tibqa' Malta u bħala fatt ir-rikorrenti llum ma jafx fejn hi;

4. Illi dan iż-żwieġ huwa null għax :-

- Il-kunsens tal-partijiet huwa null jew ta' xi waħda minnhom kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha jew b'anomalija psikoloġika serja li tagħmilha impossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ u, jew;

- Il-kunsens ta' waħda mill-partijiet kien akkwistat bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu u ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa u, jew;

- Waħda mill-partijiet ma kellhiex fiż-żmien li sar iż-żwieġ ukoll minħabba raġunijiet temporanja s-setgħet intelletwali jew ta' rieda biżżejjed biex jinħoloq kunsens taż-żwieġ;

Tgħid għalhekk l-intimata għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

1. Tiddeċiedi li ż-żwieġ ċelebrat bejn il-partijiet fit-22 ta' Ottubru, 1996 huwa null u bla effett fuq waħda jew aktar minn dawk ir-raġunijiet skond l-artiklu 19 (1)(d), (f) u (h) tal-Att taż-Żwieġ (Kap 255) bl-ispejjeż kontra l-intimata.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' Dr. Leslie Cuschieri u l-P.L. Veronica Rossignaud ippreżentata fis-17 ta' Ottubru, 2006 li permezz tagħha eċċepew;

1. Illi b'digriet tal-10 ta' Mejju, 2006, huma ġew nominati kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-assenti B.

2. Illi huma għad ma kellhomx żmien biżżejjed biex jiksbu aktar informazzjoni fuq dan il-każ, ma kkomunikawx ma' l-istess assenti, u m'humiex edotti mill-fatti tal-każ.

3. Illi għalhekk huma jirriservaw li jeċċepixxu ulterjorment.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti nomine maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali.

Rat l-affidavits tal-partijiet.

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2006 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jitlob l-annullament taż-żwieġ kontrattat bejn il-partijiet fit-22 ta' Ottubru, 1996 a bażi ta' l-Artikolu 19 (1) (d), (f) u (h) tal-Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-konvenuti kuraturi ma jidhirx li rnexxielhom jagħmlu kuntatt mal-konvenuta, li għalhekk ma ppreżentatx provi. F'kull każ kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin; "*F'materja ta' żwieġ illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax tagħmilha daqshekk faċli li parti tirrepeti kliem il-liġi u l-parti l-oħra tammetti u b'hekk jirrendu*
*ż-żwieġ annullabbli bl-iktar mod faċli u espedjenti. Hawn ma aħniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabilita' ta' xi kolliżjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax tħalli nies li kappriċċożament wara xi żmien ta' żwieġ jiddeċiedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iż-żwieġ u meta jkollhom sieħba jew sieħeb ieħor jerġgħu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirriżultaw verament raġunijiet għall-annullament tiegħu l-istess żwieġ għandu jiġi annullat pero' dan ma għandux*

*ikun sabiex jiġu akkomodati l-kapriċċi ta' dak jew l-ieħor. Għalhekk il-kawżali għall-annullament għandha tirriżulta ċara u mingħajr dubbju.*" (Anna Tonna vs Alexander Tonna deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991). Dan japplika anke f'każ ta' ammissjoni iżda japplika iżjed f'każ fejn il-konvenuti ppreżentat l-eċċezzjonijet in kwistjoni.

L-artikoli ċitati mill-attur jirrigwardjaw;

19 (1) (d) – vizzju tal-kunsens ta' xi parti li jkun b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-ħajja miżżewġa jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tagħha jew b'anomalija serja psikoloġika li tagħmilha impossibbli li dik il-parti taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;

19 (1) (f) – li l-kunsens ta' xi parti jkun inkiseb b'esklużjoni pożittiva taż-żwieġ jew xi element essenzjali tiegħu, jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ.

19 (1) (h) – li l-konvenut ma kellux fiż-żmien taż-żwieġ il-fakoltajiet jew rieda biżżejjed biex joħloq kunsens għaż-żwieġ;

Mill-provi mressqa mill-attriċi jidher li l-partijiet iżżewġu wara li kienu jafu lil xulxin xi żmien u anke kienu jgħixu flimkien. Ġara pero' li l-konvenuta li hija ta' nazzjonalita' barranija u kienet Malta bħala turista donnha riedet tibqa' tgħix din it-tip ta' ħajja li naturalment ma hija konġenjali xejn għal ħajja miżżewġa.

Il-konvenuta wkoll skond l-attur qatt ma kellha intenzjoni illi jkollha tfal u dan waħdu huwa raġuni biżżejjed biex żwieġ jiġi dikjarat null – ara s-sentenza dettaljat u studjata tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet Anna Galea vs John Walsh mogħtija fit-30 ta' Marzu, 1994. Stabbilit dan, ma hemmx għalfejn wieħed jidħol f'iktar dettall.

**Għal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' t-talba attriċi u tiddikjara null iż-żwieġ bejn il-kontendenti kontrattat fit-22 ta' Ottubru, 1996. L-ispejjeż ikunu bla taxxa iżda**

**l-attur għandu provviżorjament iħallas id-drittjiet u spejjeż tal-kuraturi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------